KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
RICHARD DE LA TOUR
ippreżentati fid-19 ta' Novembru 2020[1]

Kawża C-511/19

AB
vs
Olympiako Athlitiko Kentro Athinon – Spyros Louis

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Areios Pagos (il-Qorti tal-Kassazzjoni, il-Greċja))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Direttiva 2000/78/KE – Prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol – Projbizzjoni tad-diskriminazzjonijiet ibbażati fuq l-età – Impjegati tas-settur pubbliku mqiegħda f'riżerva ta' ħaddiema sat-tmiem tal-kuntratt ta' xogħol tagħhom – Relazzjoni ta' xogħol li tintemm meta l-ħaddiema jissodisfaw l-kundizzjonijiet sabiex jirċievu pensjoni tal-irtirar b'rata sħiħa – Artikolu 6(1) – Tnaqqis tal-ispejjeż tal-pagi tas-settur pubbliku – Għan leġittimu tal-politika tal-impjiegi – Sitwazzjoni ta' kriżi ekonomika u finanzjarja"

I. Introduzzjoni

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 2 u tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol[2].

2. Din it-talba ġiet magħmula fil-kuntest ta' kawża bejn AB u Olympiako Athlitiko Kentro Athinon – Spyros Louis (iktar 'il quddiem "OAKA") dwar it-tqegħid tiegħu, konformement mad-dritt nazzjonali fil-qasam, taħt is-sistema tar-riżerva ta' ħaddiema qabel l-irtirar tiegħu.

3. Il-miżura inkwistjoni fil-kawża prinċipali tikkonsisti fl-istabbiliment ta' riżerva ta' ħaddiema għall-impjegati tas-settur pubbliku li għandhom kuntratt ta' xogħol irregolat mid-dritt privat għal żmien indeterminat. It-tqegħid taħt is-sistema tar-riżerva ta' ħaddiema huwa meqjus li jikkostitwixxi komunikazzjoni minn qabel ta' tkeċċija u r-remunerazzjoni mnaqqsa mħallsa lill-persunal suġġett għal din is-sistema għandu jiġi kkalkolat bi tpaċija mal-allowance ta' tkeċċija dovuta, jekk ikun il-każ, fi tmiem il-perijodu ta' riżerva ta' ħaddiema. Il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali tipprevedi li l-impjegati li jissodisfaw matul perijodu determinat il-kundizzjonijiet sabiex jirċievu pensjoni b'rata sħiħa għandhom jitqiegħdu *ipso jure* taħt is-sistema tar-riżerva ta' ħaddiema b'effett mill-1 ta' Jannar 2012 sat-tmiem tar-relazzjoni ta' xogħol tagħhom. F'dan ir-rigward, skont din l-istess leġiżlazzjoni, il-kuntratt ta' xogħol irregolat

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

[2] ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79.

mid-dritt privat għal żmien indeterminat tal-impjegati għandu jintemm bis-saħħa tal-liġi u *ipso jure* meta dawn l-impjegati jissodisfaw il-kundizzjonijiet li jintitolawhom għall-pensjoni tal-irtirar b'rata sħiħa, bil-kundizzjoni li dan id-dritt ikun miksub sal-31 ta' Diċembru 2013.

4. Is-sistema tar-riżerva ta' ħaddiema tifforma parti minn numru ta' miżuri adottati mir-Repubblika Ellenika bil-għan li torganizza mill-ġdid is-settur pubbliku u tnaqqas l-ispiża pubblika fil-kuntest tal-kriżi ekonomika u finanzjarja li laqtet lil dan l-Istat Membru. B'mod partikolari din il-kawża toffri l-opportunità lill-Qorti tal-Ġustizzja li tippreċiża l-portata tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2000/78 f'tali kuntest.

5. F'dawn il-konklużjonijiet, sejjer nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tiddeċiedi li l-Artikolu 2(1) u (2)(a) kif ukoll l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2000/78 għandhom jiġu interpretati fis-sens li huma ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li bis-saħħa tagħha l-impjegati tas-settur pubbliku li jissodisfaw matul perijodu stabbilit il-kundizzjonijiet sabiex jirċievu pensjoni tal-irtirar b'rata sħiħa għandhom jitqiegħdu sat-tmiem tal-kuntratt tagħhom taħt sistema tar-riżerva ta' ħaddiema, sa fejn, minn naħa, din il-leġiżlazzjoni tfittex għan leġittimu tal-politika tal-impjiegi u, min-naħa l-oħra, il-mezzi implimentati sabiex jintlaħaq dan l-għan huma xierqa u neċessarji.

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

6. L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2000/78 jipprovdi li din għandha l-għan li tistabbilixxi parametru ġenerali sabiex tiġġieled diskriminazzjoni bbażata fuq, b'mod partikolari, l-età f'dak li għandu x'jaqsam mal-impjieg u x-xogħol, bi skop li timplimenta fl-Istati Membri il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

7. L-Artikolu 2(1) u (2) ta' din id-direttiva jipprevedi:

"1. Għall-iskop ta' din id-Direttiva, 'il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament' għandu jfisser li m'għandux ikun hemm diskriminazzjoni diretta jew indiretta għall-ebda raġuni msemmija fl-Artikolu 1.

2. Għall-iskopijiet tal-paragrafu 1:

(a) għandu jitqies li jkun hemm diskriminazzjoni diretta meta persuna tiġi trattata b'mod inqas favorevoli milli kienet tiġi trattata oħra f'sitwazzjoni simili, għar-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 1;

(b) għandu jitqies li jkun hemm diskriminazzjoni indiretta meta fejn dispożizzjoni, kriterju jew prattika apparentement newtrali tkun tqiegħed persuni li għandhom reliġjon jew twemmin partikolari, diżabilità partikolari, età partikolari, jew orjentazzjoni sesswali partikolari, partikolari fi żvantaġġ partikolari a paragun ma' persuni oħra ħlief:

(i) meta dik id-dispożizzjoni, jew dak il-kriterju jew prattika jkunu oġġettivament iġġustifikati minn skop leġittimu u l-mezzi li tintlaħaq ikun approprjati u neċessarji […]

[…]"

8. L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2000/78 jaqra kif ġej:

"Fil-limiti tal-kompetenzi konferiti lill-[Unjoni], din id-Direttiva għandha tapplika għall-persuni kollha, kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat, inklużi korpi pubbliċi, f'dak li jirrigwarda:

[…]

(ċ) il-kundizzjonijiet għall-impjieg u tax-xogħol, inklużi sensji u paga;

[…]"

9. L-Artikolu 6 tad-Direttiva 2000/78 jiddisponi:

"1. Minkejja l-Artikolu 2(2), l-Istati Membri jistgħu jipprovdu li trattament differenti fuq bażi ta' età m'għandux jikkostitwixxi diskriminazzjoni, jekk, fil-kuntest tal-liġi nazzjonali, hu objettivament u raġonevolment iġġustifikat b'għan leġittimu, inkluża politika leġittima ta' l-impjieg, tas-suq tax-xogħol u ta' objettivi ta' taħriġ professjonali, u jekk il-mezzi biex jintlaħqu dawk l-għanjiet ikunu approprjati u neċessarji.

Dan it-trattament differenti jista' b'mod partikolari jinkludi:

(a) l-istabbiliment ta' kondizzjonijiet speċjali għall-aċċess għall-impjieg u t-taħriġ professjonali, l-impjieg u x-xogħol, inkluzi l-kundizzjonijiet ta' sensji u pagi, għaż-żgħażagħ, ħaddiema ta' età, u persuni li jkollhom responsabbilitajiet li jieħdu ħsieb persuni oħra sabiex jippromwovu l-integrazzjoni professjonali tagħhom jew jiżguraw il-protezzjoni tagħhom;

(b) L-iffissar ta' kondizzjonijiet minimi ta' età, esperjenza professjonali jew anzjanità f'servizz għall-aċċess ta' mpjieg jew għal ċerti vantaġġi marbuta ma' l-impjieg;

[…]

2. Minkejja l-Artikolu 2(2) l-Istati Membri jistgħu jipprovdu illi l-iffissar fir-rigward ta' skemi ta' sigurtà soċjali professjonali, ta' età għall-parteċipazzjoni jew intitolament għall-benefiċċji ta' l-irtirar jew ta' l-invalidità, inkluża wkoll l-iffissar għal dawn l-iskemi ta' etajiet differenti għal ħaddiema jew għal gruppi jew kategoriji differenti ta' ħaddiema jew ta' kriterji ta' età fil-kalkoli ta' l-attwarji fil-qafas ta' dawn l-iskemi ma jikkostitwix diskriminazzjoni minħabba l-età, sakemm dan ma jirriżultax f'diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' sess."

B. Id-dritt Grieg

10. L-Artikolu 34, intitolat "Tneħħija ta' pożizzjonijiet vakanti rregolati mid-dritt privat u riżerva ta' ħaddiema", tan-Nómos 4024/2011: Syntaxiodotikés rythmíseis, eniaío misthológio – vathmológio, ergasiakí efedreía kai álles diatáxeis efarmogís tou mesopróthesmou plaisíou dimosionomikís stratigikís 2012-2015 (il-Liġi Nru 4024/2011 dwar Dispożizzjonijiet dwar Skemi ta' Rtirar, l-Iskala Unitarja tas-Salarji u tal-Gradi, ir-Riżerva ta' Ħaddiema u Dispożizzjonijiet Oħra li Jimplimentaw il-Qafas ta' Strateġija Baġitarja fuq Terminu Medju 2012-2015)[3], tas-

[3] FEK A' 226.

27 ta' Ottubru 2011, kif emendata bid-Digriet Leġiżlattiv tas-16 ta' Diċembru 2011 mibdul f'liġi permezz tal-Artikolu 1 tan-Nómos 4047/2012 (il-Liġi Nru 4047/2012)[4], tat-23 ta' Frar 2012, jipprevedi, fil-paragrafi 1 sa 4 u 8 tiegħu:

"1. L-Artikolu 37(7) tal-Liġi Nru 3986/2011 (FEK A' 152) għandu jiġi ssostitwit kif ġej:

[…]

c) Il-persunal suġġett għas-sistema tar-riżerva ta' ħaddiema għandu jibqa' jirċievi, minn meta jitqiegħed taħt dik is-sistema u għal perijodu ta' 12-il xahar jew, jekk dan ikun previst minn dispożizzjonijiet iktar speċjali, 24 xahar, 60 % tas-salarju bażi li huwa kien jirċievi meta jkun tqiegħed taħt is-sistema inkwistjoni.

[…]

e) It-tqegħid taħt is-sistema tar-riżerva ta' ħaddiema għandu jitqies li jikkostitwixxi komunikazzjoni minn qabel ta' tkeċċija għall-finijiet legali kollha u r-remunerazzjoni mħallsa lill-persunal suġġetta għal dik is-sistema konformement mad-dispożizzjonijiet previsti fis-subparagrafu (c) għandu jkun ikkalkolat bi tpaċija mal-allowance ta' tkeċċija dovut, jekk ikun il-każ, fi tmiem il-perijodu ta' riżerva ta' ħaddiema.

[…]

2. Il-pożizzjonijiet tal-ħaddiema marbuta b'relazzjoni ta' xogħol irregolata mid-dritt privat għal żmien indeterminat fl-amministrazzjoni, il-persuni ġuridiċi rregolati mid-dritt pubbliku, l-awtoritajiet territorjali tal-ewwel u t-tieni grad u l-istabbilimenti tagħhom, il-persuni ġuridiċi rregolati mid-dritt privat li jappartjenu lill-Istat jew lil persuni ġuridiċi rregolati mid-dritt pubbliku jew lil awtoritajiet territorjali, fis-sens li huma inkarigati minn missjoni afdata mill-Istat, l-amministrazzjoni jew l-awtoritajiet territorjali li huma suġġetti għal sorveljanza mill-Istat, l-amministrazzjoni jew l-awtoritajiet territorjali li l-maġġoranza tal-bord tad-diretturi tagħhom huma maħtura jew ikkontrollati mill-Istat, l-amministrazzjoni jew l-awtoritajiet territorjali li mhux inqas minn 50 % tal-baġit annwali tagħhom huwa ssussidjat b'mod permanenti skont ir-regoli rilevanti permezz ta' fondi tal-organi msemmija hawn fuq, kif ukoll l-impriżi, organi u kumpanniji pubbliċi ta' responsabbiltà limitata li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu I tal-Liġi Nru 3429/2005 (A' 314), kif emendati [bl-Artikolu 1(1)(a)] tal-Liġi Nru 3899/2010 (A' 212), li jkunu vakanti fid-data tad-dħul ta' din il-liġi, għandhom jitneħħew […]

3. Il-kuntratt ta' xogħol irregolat mid-dritt privat għal żmien indeterminat tal-impjegati fi pożizzjonijiet fi ħdan l-organi msemmija hawn fuq […] għandu jiġi tterminat bis-saħħa tal-liġi u *ipso jure* meta dawn l-impjegati jissodisfaw il-kundizzjonijiet li jintitolawhom għall-irtirar b'pensjoni b'rata sħiħa, li tkun tikkorrispondi għal sħubija fis-sistema ta' sigurtà soċjali wara 35 sena, bil-kundizzjoni li dan id-dritt ikun miksub, konformement mad-dispożizzjonijiet rilevanti, sal-31 ta' Diċembru 2013 inkluż […]

4. Il-ħaddiema msemmija fis-subparagrafu preċedenti għandhom jitqiegħdu *ipso jure* taħt is-sistema tar-riżerva ta' ħaddiema b'effett mill-1 ta' Jannar 2012 u sat-terminazzjoni tar-relazzjoni ta' xogħol skont il-modalitajiet tal-paragrafu preċedenti […]

[4] FEK A' 31, iktar 'il quddiem il-"Liġi Nru 4024/2011".

[…]

8. Il-perijodu tar-riżerva ta' ħaddiema ma għandux jeċċedi 24 xahar f'dak li jikkonċerna l-ħaddiema msemmija fis-subparagrafu 4 […]"

11. Barra minn hekk, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 8 tan-Nómos 3198/1955: Perí tropopoiíseos kai sympliróseos ton perí katangelías tis schéseos ergasías diatáxeon (il-Liġi Nru 3198/1955 li Temenda u Tikkompleta d-Dispożizzjonijiet dwar it-Terminazzjoni tar-Relazzjoni ta' Xogħol)[5], tat-23 ta' April 1955, jipprevedi, fil-verżjoni tiegħu fis-seħħ fiż-żmien tal-fatti fil-kawża prinċipali, id-dritt tal-impjegati, meta huma jissodisfaw il-kundizzjonijiet sabiex ikollhom id-dritt għall-ħlas tal-pensjoni ta' rtirar b'rata sħiħa mill-istitut tas-sigurtà soċjali kkonċernat, li jirċievu 40 % mill-allowance ta' tkeċċija li huma jkollhom dritt għaliha bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet rilevanti meta huma jkunu koperti minn assigurazzjoni komplementari, jew 50 % ta' dik l-allowance, meta huma ma jkunux koperti minn assigurazzjoni komplementari, kemm jekk huma jħallu l-impjieg tagħhom kif ukoll jekk jitkeċċew minn min iħaddimhom.

III. Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

12. Jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju li AB ġie rreklutat fl-1982 minn OAKA, persuna ġuridika irregolata mid-dritt privat li tappartjeni lis-settur pubbliku[6], bis-saħħa ta' kuntratt għal żmien indeterminat u, fl-1998, ingħata l-funzjonijiet ta' kunsillier tekniku fi ħdanu. Fl-eżekuzzjoni ta' dawn il-funzjonijiet, huwa kien jirċievi salarju ta' kap ta' taqsima, kif ukoll, sa meta din tneħħiet fl-2010, allowance tas-servizz.

13. B'effett mill-1 ta' Jannar 2012, OAKA ssuġġettat lil AB *ipso jure* għas-sistema tar-riżerva ta' ħaddiema bl-applikazzjoni tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 34(1)(c)(3), kif ukoll tal-paragrafi 4 u 8 tal-Liġi Nru 4024/2011, li wassal għal tnaqqis tar-remunerazzjoni tiegħu għal 60 % tas-salarju bażiku tiegħu.

14. Fit-30 ta' April 2013, OAKA xoljiet il-kuntratt ta' xogħol ta' AB mingħajr ma ħallsitu allowance ta' tkeċċija, għar-raġuni li huwa kien jissodisfa l-kundizzjonijiet li jintitolawh għall-ħlas tal-pensjoni tal-irtirar tiegħu b'rata sħiħa, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 34(1)(e) tal-Liġi Nru 4024/2011 li jipprevedi tpaċija bejn l-allowance ta' tkeċċija dovuta u r-remunerazzjoni mħallsa lill-impjegat matul l-assenjazzjoni tiegħu għar-riżerva ta' ħaddiema.

15. Permezz tar-rikors imressaq quddiem il-Monomeles Protodikeio Athinon (il-Qorti tal-Ewwel Istanza b'Imħallef Uniku ta' Ateni, il-Greċja), AB ikkontesta b'mod partikolari l-validità tat-trasferiment tiegħu lejn is-sistema tar-riżerva ta' ħaddiema bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet iċċitati hawn fuq tal-Artikolu 34 tal-Liġi Nru 4024/2011, billi argumenta li dawn introduċew differenza fit-trattament ibbażata fuq l-età bi ksur tad-Direttiva 2000/78, mingħajr ma din id-differenza fit-trattament kienet oġġettivament iġġustifikata minn xi għan leġittimu jew li l-mezzi sabiex jitwettaq dak l-għan kienu xierqa u neċessarji. Għal din ir-raġuni, huwa talab li OAKA tkun ordnata tħallsu s-somma ta' EUR 50 889.91, bħala differenza bejn is-salarju li huwa kien jirċievi qabel ma tqiegħed taħt is-sistema tar-riżerva ta' ħaddiema u dak li huwa kien jirċievi wara. AB invoka wkoll it-tieni paragrafu tal-Artikolu 8 tal-Liġi Nru 3198/1955 sabiex jitlob li OAKA tħallsu somma ta' EUR 32 108.04 bħala allowance ta' tkeċċija.

[5] FEK A' 98, iktar 'il quddiem il-"Liġi Nru 3198/1955".

[6] Jirriżulta mill-fajl li, għalkemm OAKA hija persuna ġuridika rregolata mid-dritt privat, hija tappartjeni 100 % lill-Istat Grieg.

16. Billi din il-qorti laqgħet dan ir-rikors parzjalment, OAKA appellat quddiem il-Monomeles Efeteio Athinon (il-Qorti tal-Appell b'Imħallef Uniku ta' Ateni, il-Greċja) li annullat is-sentenza mogħtija fl-ewwel u ċaħdet il-parti tar-rikors ta' AB li kienet intlaqgħet f'dik is-sentenza.

17. AB appella fil-kassazzjoni quddiem il-qorti tar-rinviju, l-Areios Pagos (il-Qorti tal-Kassazzjoni, il-Greċja).

18. Din il-qorti nnotat li d-dispożizzjonijiet li jistabbilixxu s-sistema tar-riżerva ta' ħaddiema ma jipprevedux limitu tal-età għall-persunal li huwa suġġett għaliha, b'differenza mill-uffiċjali tas-settur pubbliku fis-sens strett li huma ammessi għas-sistema ta' rtirar kmieni, li għalihom ġie ffissat limitu tal-età.

19. Il-qorti tar-rinviju kkonkludiet li t-tqegħid taħt is-sistema tar-riżerva ta' ħaddiema ma jikkostitwixxix diskriminazzjoni bbażata fuq l-età fis-sens tal-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2000/78.

20. Din il-qorti nnotat li l-leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi din is-sistema hija bbażata fuq il-kriterju tal-prossimità għall-irtirar b'rata sħiħa, jiġifieri meta l-ħaddiem jissodisfa l-kundizzjonijiet li jagħtuh id-dritt għall-ħlas tagħha mill-istitut ta' assigurazzjoni kkonċernat, li jissupponi li l-ħaddiem ikollu 35 sena ta' kontribuzzjonijiet, sakemm dawn il-kundizzjonijiet ikunu ssodisfatti matul il-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 2012 u l-31 ta' Diċembru 2013.

21. Skont il-qorti tar-rinviju, jirriżulta wkoll mil-leġiżlazzjoni nazzjonali fil-qasam tas-sigurtà soċjali li, minbarra l-perijodu minimu ta' ħlas ta' kontribuzzjonijiet għal 35 sena, il-kundizzjoni indispensabbli sabiex ħaddiem li huwa affiljat mal-Idryma Koinonikon Asfaliseon – Eniaio Tameio Asfalissis Misthoton (IKA-ETAM) (l-Istitut tas-Sigurtà Soċjali – Fond Ġenerali ta' Assigurazzjoni ta' Ħaddiema, il-Greċja)[7] ikollu d-dritt għal pensjoni ta' rtirar b'rata sħiħa wara 35 sena ta' impjieg hija dik li huwa jkollu 58 sena meta titressaq it-talba lill-istitut ta' assigurazzjoni, konformement mal-Artikolu 10(1) tan-Nómos 825/1978: Perí antikatastáseos, tropopoiíseos kai sympliróseos diatáxeon tis diepoúsis to IKA Nomothesías kai rythmíseos synafón themáton (il-Liġi Nru 825/1978 li Tissostitwixxi, Temenda u Tikkompleta d-Dispożizzjonijiet tal-Leġiżlazzjoni li Tirregola l-IKA u Tinkludi Dispożizzjonijiet Konnessi)[8], tat-13 ta' Novembru 1978, fil-verżjoni tagħha fis-seħħ fiż-żmien tal-fatti fil-kawża prinċipali.

22. Fl-ipoteżi li Artikolu 34(1)(c), l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3 u l-paragrafu 4 tal-Liġi Nru 4024/2011 jikkostitwixxu diskriminazzjoni indiretta bbażata fuq l-età fis-sens tal-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2000/78, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk ir-raġunijiet li jidhru fil-premessi ta' din il-liġi jikkostitwixxux għan oġġettivament u raġonevolment leġittimu li jiġġustifika d-differenza fit-trattament u jekk it-tqegħid ta' parti mill-persunal taħt is-sistema tar-riżerva ta' ħaddiema jikkostitwixxix miżura xierqa u neċessarja sabiex jintlaħaq dan l-għan.

23. Din il-qorti tindika, f'dan ir-rigward, li l-għan tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 34 tal-Liġi Nru 4024/2011 kien dak li jirrispondi għan-neċessità immedjata li jitnaqqsu l-ispejjeż tal-pagi konformement mal-ftehim konklużbejn ir-Repubblika Ellenika u l-krediturigħha kif ukoll dak li jissana l-finanzi tal-Istat u tas-settur pubbliku fis-sens wiesa', sabiex tiġi ffaċċata l-kriżi ekonomika li laqtet lil dan l-Istat Membru.

[7] Iktar 'il quddiem l-"IKA". L-IKA-ETAM issuċċeda għall-Idryma Koinonikon Asfaliseon (IKA) (l-Istitut ta' Sigurtà Soċjali, il-Greċja) fl-2002 u ġie ssostitwit fl-2017 mill-Eniaíos Foréas Koinonikís Asfálisis (EFKA) (l-Istitut Ġenerali ta' Sigurtà Soċjali, il-Greċja).

[8] FEK A' 189, iktar 'il quddiem il-"Liġi Nru 825/1978".

24. F'dawn il-kundizzjonijiet, l-Areios Pagos (il-Qorti tal-Kassazzjoni) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tressaq lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Tikkostitwixxi diskriminazzjoni indiretta bbażata fuq l-età, fis-sens tal-Artikoli 2(1) u (2)(b) u 3(1)(c) tad-Direttiva 2000/78, l-adozzjoni mill-Istat Membru tal-leġiżlazzjoni applikabbli mill-Istat, mill-awtoritajiet lokali u mill-persuni ġuridiċi tad-dritt pubbliku u b'mod ġenerali mill-entitajiet pubbliċi kollha tas-settur pubbliku estiż (korpi tad-dritt privat) bħala persuni li joffru x-xogħol, bħal dik inkluża fl-Artikolu 34(1)(c), l-ewwel inċiż tal-paragrafu 3 u l-paragrafu 4 tal-Liġi Nru 4024/2011, li abbażi tagħha l-persunal bil-kuntratt tax-xogħol tad-dritt privat tal-imsemmija entitajiet huwa suġġett għal skema ta' riżerva ta' ħaddiema għal perijodu ta' mhux itwal minn erbgħa u għoxrin (24) xahar li hija bbażata biss fuq il-kriterju sostanzjali tal-prossimità għall-maturazzjoni tal-kundizzjonijiet għall-pensjoni tax-xjuħija, korrispondenti għal ħamsa u tletin (35) sena ta' kontribuzzjonijiet fil-perijodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2012 u l-31 ta' Diċembru 2013, b'kont meħud ukoll tal-fatt li fis-sens tal-leġiżlazzjoni rilevanti fil-qasam tal-assigurazzjoni fis-seħħ f'dak iż-żmien, minbarra każijiet oħra li ma jaqgħux taħta dan il-każ, sabiex jimmatura d-dritt għal pensjoni tax-xjuħija permezz ta' relazzjoni ta' xogħol subordinat, kienu meħtieġa (tal-inqas) 10 500 jum ta' xogħol (35 sena) ta' assigurazzjoni fl-Istitut ta' Assigurazzjoni Soċjali (IKA) jew f'fond ta' assigurazzjoni ieħor tal-ħaddiema dipendenti u l-kisba (tal-inqas) ta' 58 sena ta' età tal-ħaddiem, mingħajr ma huwa ċertament eskluż, skont il-każ konkret, li l-perijodu ta' assigurazzjoni (35 sena) jitwettqu f'età differenti[?]

2) F'każ ta' risposta affermativa [għall-ewwel domanda], l-adozzjoni tal-iskema ta' riżerva ta' ħaddiema tista' tiġi oġġettivament u raġjonevolment iġġustifikata, fis-sens tal-[Artikolu] 2(2)(b(i), u [l-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(1)] tad-direttiva, mill-ħtieġa immedjata li jiġu garantiti riżultati organizzattivi, operattivi u ta' bilanċ u b'mod partikolari mill-ħtieġa urġenti li titnaqqas l-ispiża pubblika bil-ħsieb li jintlaħqu għanijiet kwantitattivi speċifiċi sal-aħħar tal-2011, imsemmija fil-memorandum ta' spjegattiv tal-liġi, kif speċifikat fil-qafas ta' strateġija fiskali għal terminu medju ta' żmien, bl-iskop li jiġu osservati l-impenji assunti mill-Istat favur is-sħab-krediturі tiegħu sabiex tiġi indirizzata l-kriżi ekonomika u finanzjara akuta u dejjiema li taffettwa lill-pajjiż u fl-istess ħin tiġi ristutturata u mnaqqas l-espansjoni tas-settur pubbliku[?]

3) F'każ ta' risposta affermattiva [għat-tieni domanda],

   a) l-adozzjoni ta' miżura, bħal dik tal-Artikolu 34(1)(c) tal-liġi Nru 4024/2011, li tipprovdi għal tnaqqis drastiku tas-salarju tal-persunal suġġett għal skema ta' riżerva ta' ħaddiema għal 60 % tas-salarju bażiku tiegħu riċevut fil-mument tat-tpoġġija tiegħu f'tali skema ta' riżerva ta' ħaddiema, mingħajr ma tali persunal ma jkun obbligat jaħdem fis-settur pubbliku rilevanti u li tikkawża (de facto) t-telf ta' kull żieda possibbli tas-salarju u l-avvanz fil-karriera għall-perijodu ta' bejn it-tpoġġija tiegħu fl-iskema ta' riżerva ta' ħaddiema sat-terminazzjoni tiegħu minħabba l-pensjoni bil-ħlas tal-pensjoni tax-xjuħija, hija adatta u meħtieġa sabiex jintlaħaq l-imsemmi għan, fis-sens tal-[Artikolu] 2(2)(b)(i), u [l-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(1)] tad-direttiva, f'sitwazzjoni li fiha, kumulattivament:

      i) tali persunal iżomm il-possibbiltà li jsib impjieg ieħor (fis-settur privat) jew jista' jeżerċita professjoni libera jew xogħol sakemm idum fir-riżerva ta' ħaddiema mingħajr ma jitlef id-dritt li jirċievi l-ammont imsemmi iktar 'il fuq fuq is-salarju bażiku, sakemm is-salarju jew id-dħul li joriġina mix-xogħol il-ġdid jew okkupazzjoni

ġdida ma jkunux jeċċedu s-salarju riċevut qabel ma ġie ssuġġettat għall-iskema ta' riżerva ta' ħaddiema, f'liema każ l-imsemmi ammont tas-salarju bażiku jitnaqqas mill-eċċess — Artikolu 34(1)(f);

ii) il-persuna pubblika li tħaddem, u fil-każ li din ma tibqax teżisti, l-Organismos Apascholisis Ergatikou Dynamikou (Organizzazzjoni Ellenika tal-Impjieg tal-Ħaddiema, Il-Greċja, 'OAED' tassumi l-obbligu li tħallas lill-fond ta' assigurazzjoni rilevanti sal-pensjoni tal-persuna dipendenti il-kontribuzzjonijiet previdenzjali, kemm tal-persuna li tħaddem kif ukoll tal-ħaddiem, marbuta mal-pensjoni prinċipali, mal-pensjoni integrattiva, mal-assistenza soċjali u sanitarja, abbażi tas-salarji riċevuti minn dan tal-aħħar qabel ma ġie suġġett għall-iskema ta' riżerva ta' ħaddiema — Artikolu 34(1)(d);

iii) huma previsti derogi mill-iskema ta' riżerva ta' ħaddiema għall-gruppi soċjali vulnerabbli li jeħtieġu protezzjoni (konjugi ta' min huwa suġġett għar-riżerva ta' ħaddiema, konjugi jew wild b'rata ta' invalidità tal-inqas ta' 67 % li jgħix ma' u jiddependi fuq il-persuna impjegata, impjegat b'rata ta' invalidità tal-inqas ta' 67 %, familji numerużi, ġenituri single li jgħixu ma' u huma dipendenti fuq il-persuna impjegata) — Artikolu 34(1)(b);

iv) tiġi offruta b'mod prijoritarju l-possibbiltà ta' trasferiment tal-imsemmi persunal lejn postijiet vakanti oħra ta' entitajiet pubbliċi abbażi ta' kriterji oġġettivi u meritokratici permezz tal-inklużjoni tagħhom fil-listi tal-Anotato Symvoulio Epilogis Prosopikou (Kunsill Suprem għas-Selezzjoni tal-Persunal taċ-Ċivil, Il-Greċja, 'ASEP' — Artikolu 34(1)(a) — possibbiltà madankollu limitata *de facto* minħabba t-tnaqqis drastiku tar-reklutaġġ ta' persunal min-naħa ta' diversi entitajiet pubblici, b'konsegwenza tal-ħtieġa li jitnaqqsu l-ispejjeż;

v) hija żgurata l-adozzjoni ta' provvedimenti għar-rimbors tas-self li l-persuni impjegati impoġġija fir-riserva ta' ħaddiema kienu rċevew mill-Fond ta' Depożiti u Self u sabiex jiġi konkluż ftehim bejn l-Istat Grieg u l-Assoċjazzjoni tal-banek Griegi sabiex jiġi aġevolat ir-rimbors tas-self li dan il-persunal irċieva minn banek oħra, b'mod proporzjonat mad-dħul familjari kumplessiv tagħhom u mas-sitwazzjoni patrimonjali tagħhom — Artikolu 34(10) u (11);

vi) liġi riċenti (Artikolu 1(15) tal-liġi Nru 4038/2012 [9]) tipprevedi bi prijorità assoluta l-adozzjoni ta' regolament fuq il-pensjonijiet u fuq l-ordni ta' ħlas għall-persunal [ikkonċernat] u, fi kwalunkwe każ, mhux lil hinn minn erba' xhur mit-terminazzjoni tiegħu u mill-preżentazzjoni tad-dokumentazzjoni relattiva għar-rikonoxximent tal-pensjoni;

vii) l-imsemmi telf ta' avvanz fil-karriera u taż-żieda fis-salarju mill-perijodu li fih il-persunal bil-kuntratt ta' xogħol ta' dritt privat jitpoġġa fl-iskema ta' riżerva ta' ħaddiema sat-terminazzjoni tiegħu bil-pensjoni tax-xjuħija ma javverax ruħu fil-maġġoranza tal-każijiet, inkluż fil-każ odjern, peress li l-ħaddiem, minħabba l-permanenza twila tiegħu fis-settur pubbliku, ikun eżawrixxa l-iskala salarjali jew/u l-avvanz fil-karriera previsti mil-leġiżlazzjoni fis-seħħ għall-progressjoni tiegħu[?]

[9] Nómos 4038/2012: Epeígouses rythmíseis pou aforoún tin efarmogí tou mesopróthesmou plaisíou dimosionomikís stratigikís 2012-2015 (il-Liġi Nru 4038/2012 dwar Miżuri ta' Urġenza dwar l-Implimentazzjoni tal-Qafas ta' Strateġija Baġitarja għal Terminu Medju 2012-2015) tat-2 ta' Frar 2012 (FEK A' 14).

b) L-adozzjoni ta' miżura, bħal dik tal-Artikolu 34(1)(e) tal-liġi Nru 4024/2011, li tinvolvi t-telf totali (jew analoġika), fis-sens tal-Artikolu 8(b) tal-Liġi Nru 3198/1955, tal-kumpens f'każ ta' tkeċċija jew terminazzjoni tal-persuna impjegata mill-persuna li tħaddimha, minħabba l-maturazzjoni tal-kundizzjonijiet sabiex tirċievi l-pensjoni tax-xjuħija, ekwivalenti għal 40 % tal-kumpens ta' terminazzjoni previst għall-persuni impjegati b'assigurazzjoni integrattiva (li, fil-każ tal-entitajiet pubbliċi li huma ta' utilità pubblika jew jiġu ssussidjati mill-Istat, bħall-konvenuta li hija persuna ġuridika tad-dritt privat, ma tistax teċċedi l-ammont massimu ta' EUR 15 000,00), permezz tal-kumpens tagħha stess bis-salarju mnaqqas riċevut matul ir-riżerva tal-ħaddiema, hija adegwata u neċessarja sabiex jintlaħaq l-imsemmi għan, fis-sens tal-Artikolu 2(2)(b)(i), u [l-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(1)] tad-direttiva, b'kont meħud tal-fatt li fi kwalunkwe każ tali persunal kien jikseb l-imsemmi kumpens imnaqqas konformement mal-leġiżlazzjoni tax-xogħol fis-seħħ iċċitata iktar 'il fuq, kemm fil-każ ta' riżenja kif ukoll fil-każ ta' terminazzjoni min-naħa tal-entità li jaħdem magħha[?]"

25. AB, OAKA, il-Gvern Grieg kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub u wieġbu fit-terminu stabbilit il-mistoqsijiet intiżi għal tweġiba bil-miktub li saru mill-Qorti tal-Ġustizzja.

IV. Analiżi

26. Permezz tad-domandi preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju titlob, essenzjalment, lill-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex tiddeċiedi jekk l-Artikolu 2 u l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2000/78 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li bis-saħħa tagħha l-impjegati tas-settur pubbliku li jissodisfaw matul perijodu determinat il-kundizzjonijiet sabiex jirċievu pensjoni tal-irtirar b'rata sħiħa għandhom jitqiegħdu taħt sistema tar-riżerva ta' ħaddiema, li twassal għal tnaqqis fir-remunerazzjoni tagħhom u għandha l-effett li tnaqqas, jew tneħħi, l-allowance ta' tkeċċija li huma setgħu jitolbu fiż-żmien tat-terminazzjoni tar-relazzjoni ta' xogħol tagħhom.

27. Infakkar li l-Artikolu 34(1)(c), l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3 u l-paragrafu 4 tal-Liġi Nru 4024/2011 jistabbilixxu s-sistema tar-riżerva ta' ħaddiema għall-ħaddiema impjegati bis-saħħa ta' relazzjoni ta' xogħol irregolata mid-dritt privat għal żmien indeterminat mill-amministrazzjoni, l-awtoritajiet territorjali, il-persuni ġuridiċi tad-dritt pubbliku u l-persuni ġuridiċi rregolati mid-dritt privat li jaqgħu taħt is-settur pubbliku fis-sens wiesa', matul perijodu massimu ta' sentejn (mill-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Diċembru 2013), fuq il-bażi ta' prossimità għall-irtirar b'pensjoni b'rata sħiħa, jiġifieri meta l-ħaddiem jissodisfa f'xi żmien kwalunkwe matul dan il-perijodu l-kundizzjonijiet sabiex jitlobha, jiġifieri jkollu 35 sena ta' kontribuzzjonijiet.

28. Il-qorti tar-rinviju tippreċiża li, matul dan il-perijodu u sakemm ikunu ssodisfatti l-kundizzjonijiet għall-irtirar, il-persuni mqiegħda taħt is-sistema tar-riżerva ta' ħaddiema jsofru tnaqqis drastiku tar-remunerazzjoni tagħhom, imma madankollu ma humiex obbligati li jaħdmu mal-organu pubbliku kkonċernat. Barra minn hekk, għandha ssir tpaċija bejn l-allowance ta' tkeċċija li għaliha dawk il-persuni kellhom dritt u r-remunerazzjoni mnaqqsa li huma jirċievu matul il-perijodu li matulu huma jibqgħu suġġetti għal din is-sistema. L-ammissjoni tagħhom għal dik is-sistema titqies li tikkostitwixxi komunikazzjoni minn qabel ta' tkeċċija. Nifhem għaldaqstant li, fil-kuntest tas-sistema tar-riżerva ta' ħaddiema, l-impjegat ikun tkeċċa, imma

it-tkeċċija tiegħu hija effettiva biss jekk huwa jista' jibbenefika mill-pensjoni b'rata sħiħa. Dan jispjega l-fatt li r-remunerazzjonijiet imħallsa matul dan il-perijodu għandhom jiġu akkreditati kontra l-ammont tal-allowance ta' tkeċċija.

29. Sabiex tingħata risposta għad-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju, jeħtieġ li jiġi vverifikat jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2000/78 u, fl-affermattiv, jekk hija tistabbilixxix differenza fit-trattament ibbażata fuq l-età, li tista', jekk ikun il-każ, tiġi ġġustifikata fid-dawl tal-Artikolu 6 ta' din id-direttiva.

30. Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-kwistjoni jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2000/78, jirriżulta, kemm mit-titolu kif ukoll mill-preambolu u l-għan ta' din id-direttiva, li hija intiża sabiex tistabbilixxi qafas ġenerali sabiex jiżgura lil kull persuna l-ugwaljanza fit-trattament "fl-impjieg u fix-xogħol", billi toffrilha protezzjoni adegwata kontra d-diskriminazzjonijiet ibbażati fuq xi wieħed mill-motivi li jissemmew fl-Artikolu 1 tagħhom, fosthom l-età [10].

31. Barra minn hekk, mill-Artikolu 3(1)(ċ) tad-Direttiva 2000/78 jirriżulta li din għandha tapplika, fil-limiti tal-kompetenzi kkonferiti lill-Unjoni, "għall-persuni kollha, kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat, inklużi korpi pubbliċi", f'dak li jirrigwarda "[l]-kundizzjonijiet għall-impjieg u tax-xogħol, inklużi sensji u paga".

32. Billi tipprevedi li l-kuntratt ta' xogħol irregolat mid-dritt privat għal żmien indeterminat tal-impjegati fi ħdan l-organi kkonċernati għandu jiġi tterminat bis-saħħa tal-liġi u *ipso jure* meta dawn l-impjegati jissodisfaw il-kundizzjonijiet li jintitolawhom għall-irtirar b'pensjoni b'rata sħiħa u tqiegħed dawn l-impjegati f'riżerva ta' ħaddiema waqt li jkunu jistennew li dawn il-kundizzjonijiet jiġu ssodisfatti, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandha tiġi kkunsidrata li tistabbilixxi regoli dwar "il-kundizzjonijiet għall-impjieg u tax-xogħol, inklużi sensji u paga", fis-sens tal-Artikolu 3(1)(ċ) tad-Direttiva 2000/78.

33. F'dawn il-kundizzjonijiet, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva.

34. Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-kwistjoni jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali tistabbilixxix differenza fit-trattament ibbażata fuq l-età, fis-sens tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2000/78, għandu jitfakkar li, skont din id-dispożizzjoni, "'il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament' għandu jfisser li m'għandux ikun hemm diskriminazzjoni diretta jew indiretta għall-ebda raġuni msemmija fl-Artikolu 1" ta' din id-direttiva. L-Artikolu 2(2)(a) ta' din id-direttiva jippreċiża li, għall-iskopijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu, għandu jitqies li jkun hemm diskriminazzjoni diretta meta persuna tiġi ttrattata b'mod inqas favorevoli milli kienet tiġi ttrattata oħra f'sitwazzjoni simili, għar-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 1 tal-istess direttiva. Bis-saħħa tal-Artikolu 2(2)(b)(i) tad-Direttiva 2000/78, għandu jitqies li jkun hemm diskriminazzjoni indiretta meta dispożizzjoni, kriterju jew prattika apparentement newtrali tkun tqiegħed persuni li għandhom età partikolari fi żvantaġġ partikolari meta mqabbla ma' persuni oħra ħlief meta dik id-dispożizzjoni, jew dak il-kriterju jew prattika jkunu oġġettivament iġġustifikati minn skop leġittimu u l-mezzi li tintlaħaq ikunu approprjati u neċessarji.

[10] Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-2 ta' April 2020, Comune di Gesturi (C-670/18, EU:C:2020:272, punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata).

35. F'dan il-każ, infakkar li l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 34(3) tal-Liġi Nru 4024/2011 jipprevedi li l-kuntratt ta' xogħol irregolat mid-dritt privat għal żmien indeterminat tal-impjegati fil-kariga fi ħdan l-organi kkonċernati għandu jiġi tterminat meta dawn l-impjegati jissodisfaw il-kundizzjonijiet li jintitolawhom għall-irtirar b'pensjoni b'rata sħiħa, billi ssir referenza f'dan ir-rigward għal sħubija f'sistema ta' sigurtà soċjali għal 35 sena, bil-kundizzjoni li dan id-dritt ikun miksub, konformement mad-dispożizzjonijiet rilevanti, qabel il-31 ta' Diċembru 2013 inkluż. Billi tagħmel referenza għal din il-kundizzjoni ta' sħubija, il-Liġi Nru 4024/2011 tibbaża ruħha fuq kriterju apparentement newtrali li jista' jwassal għal żvantaġġ partikolari għall-ħaddiema li, minħabba li jkunu wettqu numru ta' snin ta' xogħol korrispondenti għal 35 sena ta' sħubija f'sistema ta' sigurtà soċjali, jappartjenu lil kategorija ta' ħaddiema qrib il-pensjoni u għaldaqstant huma l-iktar anzjani. Billi timponi fuq din il-kategorija ta' ħaddiema, abbażi ta' tali kriterju, it-tqegħid f'sistema tar-riżerva ta' ħaddiema, il-Liġi Nru 4024/2011 timponi fuq dawn tal-aħħar trattament inqas favorevoli minn dak li huwa rriżervat għall-ħaddiema kollha li għandhom jibqgħu jeżerċitaw l-attività tagħhom f'ċirkustanzi normali.

36. Konsegwentement, sa fejn din tibbaża ruħha indirettament fuq kriterju marbut mal-età, il-Liġi Nru 4024/2011 tista', mal-ewwel daqqa ta' għajn, tidher li tistabbilixxi diskriminazzjoni indiretta ibbażata fuq l-età, fis-sens tad-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikolu 1 u tal-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2000/78.

37. Madankollu, l-eżistenza ta' diskriminazzjoni indiretta tippresupponi, fil-fehma tiegħi, li d-differenza fit-trattament allegata tistrieħ unikament fuq kriterju apparentement newtrali li jista' jwassal għal żvantaġġ partikolari għal persuna ta' età partikolari, u mhux ukoll fuq kriterju direttament marbut mal-età. Imma, jirriżulta kemm mid-deċiżjoni tar-rinviju kif ukoll mill-osservazzjonijiet ssottomessi lill-Qorti tal-Ġustizzja li impjegat bħar-rikorrent fil-kawża prinċipali għandu jissodisfa l-kundizzjoni li jkun laħaq l-età ta' 58 sena, kif jirriżulta mill-Artikolu 10(1) tal-Liġi Nru 825/1978, sabiex ikun jista' jibbenefika minn pensjoni b'rata sħiħa. Isegwi li t-tqegħid ta' impjegat taħt is-sistema tar-riżerva ta' ħaddiema jirrikjedi wkoll li huwa jissodisfa l-kundizzjoni li jkun laħaq l-età minima ta' 58 sena bejn l-1 ta' Jannar 2012 u l-31 ta' Diċembru 2013. Sa fejn ir-referenza għall-kundizzjonijiet li jintitolawhom għall-irtirar b'pensjoni b'rata sħiħa timplika neċessarjament rinviju għall-Artikolu 10(1) tal-Liġi Nru 825/1978, li jipprevedi kundizzjoni tal-età, jidhirli li n-natura diretta tad-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età hija stabbilita. Iċ-ċirkustanza li din il-kundizzjoni tal-età hija marbuta mal-kundizzjoni dwar tul ta' kontribuzzjonijiet ta' 35 sena ma tbiddel xejn, għaliex dak li huwa rilevanti sabiex jikklassifika d-differenza fit-trattament huwa li s-sistema tar-riżerva ta' ħaddiema ma tidhirx li tkun tista' tiġi applikata għall-impjegati li ma jkunux laħqu l-età minima ta' 58 sena matul il-perijodu rilevanti. Fi kliem ieħor, is-sistema tar-riżerva ta' ħaddiema tista' tikkonċerna biss lill-ħaddiema li jkunu laħqu l-età minima ta' 58 sena bejn l-1 ta' Jannar 2012 u l-31 ta' Diċembru 2013, bil-kundizzjoni li huma jkunu wettqu 35 sena jew iktar ta' kontribuzzjonijiet.

38. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li huwa b'applikazzjoni ta' żewġ kundizzjonijiet kumulattivi, li waħda minnhom hija marbuta direttament mal-età, li l-impjegati għandhom jitqiegħdu taħt is-sistema tar-riżerva ta' ħaddiema.

39. Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, billi tipprevedi li l-impjegati li jkunu mhux biss akkumulaw 35 sena ta' sħubija f'sistema ta' sigurtà soċjali, imma wkoll laħqu l-età minima ta' 58 sena bejn l-1 ta' Jannar 2012 u l-31 ta' Diċembru 2013 għandhom jitqiegħdu taħt is-sistema tar-riżerva ta' ħaddiema, hija bbażata fuq kriterju li huwa inseparabbilment marbut mal-età ta' dawn l-impjegati. Sa fejn il-fatt għal

impjegat li huwa jkun laħaq l-età ffissata minn din il-leġiżlazzjoni għall-ammissjoni għall-pensjoni b'rata sħiħa, flimkien mal-kundizzjoni dwar il-35 sena ta' kontribuzzjonijiet, iwassal għat-tqegħid tiegħu taħt is-sistema tar-riżerva ta' ħaddiema, għandu jiġi kkunsidrat li din il-leġiżlazzjoni timponi, b'mod dirett, trattament inqas favorevoli għall-ħaddiema li jkunu laħqu din l-età meta mqabbla mal-persuni impjegati l-oħra kollha. Tali leġiżlazzjoni fiha għalhekk diskriminazzjoni diretta bbażata fuq l-età, fis-sens tal-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2000/78 [11].

40. Fil-fehma tiegħi, iċ-ċirkustanza li l-kundizzjoni dwar l-età ta' 58 sena ma tissemmiex espressament fid-dispożizzjonijiet ta-leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi s-sistema tar-riżerva ta' ħaddiema, imma tidher fl-Artikolu 10(1) tal-Liġi Nru 825/1978, ma tipprekludix l-konstatazzjoni li din is-sistema tistabbilixxi diskriminazzjoni diretta bbażata fuq l-età. Dak li huwa importanti huwa li, meta jirreferi għall-kriterju tal-prossimità għall-irtirar b'pensjoni b'rata sħiħa, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 34(3) tal-Liġi Nru 4024/2011 jirreferi neċessarjament għal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi, bħala kundizzjoni sabiex jirċievi tali pensjoni ta' rtirar b'rata sħiħa, li impjegat ikun laħaq l-età ta' 58 sena. Barra minn hekk, il-fatt li t-tqegħid taħt is-sistema tar-riżerva ta' impjegat ma jikkonċernax l-impjegati kollha li jkunu laħqu l-età minima ta' 58 sena matul il-perijodu kkonċernat, imma biss, f'din il-kategorija ta' impjegati, dawk li jkunu akkumulaw 35 sena ta' kontribuzzjonijiet, ma jidhirx li jwaqqa' l-konstatazzjoni li din is-sistema twassal għal diskriminazzjoni diretta minħabba l-età.

41. Wara li għamilt dawn il-kjarifiki, nenfasizza madankollu li l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex l-obbligu li tiddeċiedi fuq l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali, għaliex dan il-kompitu jaqa' fuq il-qrati nazzjonali kompetenti [12].

42. Konsegwentement, finalment għandha tkun il-qorti tar-rinviju, li hija l-unika waħda kompetenti sabiex tevalwa l-fatti inkwistjoni fil-kawża prinċipali u sabiex tinterpreta l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli, li tivverifika jekk it-tqegħid taħt is-sistema tar-riżerva ta' ħaddiema jissodisfax iż-żewġ kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq u li tiġbed il-konsegwenzi xierqa dwar in-natura diretta jew indiretta tad-differenza fit-trattament ibbażata fuq l-età.

43. Fir-rigward, fit-tielet lok, tal-kwistjoni jekk din id-differenza fit-trattament tistax tkun iġġustifikata, għandu jitfakkar li l-Artikolu 6(1)tad-Direttiva 2000/78 jawtorizza lill-Istati Membri li, minkejja l-Artikolu 2(2) tagħha, jipprevedu li ċerti differenzi fit-trattament ibbażati fuq l-età ma jikkostitwixxux diskriminazzjoni meta huma jkunu "objettivament u raġonevolment iġġustifikat b'għan leġittimu, inkluża politika leġittima ta' l-impjieg, tas-suq tax-xogħol u ta' objettivi ta' taħriġ professjonali, u jekk il-mezzi biex jintlaħqu dawk l-għanjiet ikunu approprjati u neċessarji".

44. L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2000/78 jippermetti lill-Istati Membri li jistabbilixxu fid-dritt nazzjonali tagħhom dispożizzjonijiet li jipprevedu differenzi fit-trattament ibbażati fuq l-età li jaqgħu b'mod partikolari fil-kategorija tad-diskriminazzjonijiet diretti, kif iddefiniti fl-Artikolu 2(2)(a) ta' din id-direttiva. Din il-fakultà, billi tikkostitwixxi eċċezzjoni għall-prinċipju ta' projbizzjoni tad-diskriminazzjonijiet, għandha madankollu tkun strettament inkwadrata mill-kundizzjonijiet previsti minn dan l-istess Artikolu 6(1) [13].

[11] Ara, b'analoġija, is-sentenza tas-16 ta' Ottubru 2007, Palacios de la Villa (C-411/05, EU:C:2007:604, punti 48 u 51), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat l-eżistenza ta' differenza ta' trattament ibbażata *direttament* fuq l-età fir-rigward ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li bis-saħħa tagħha għandhom jiġu kkunsidrati bħala validi klawżoli ta' rtirar obbligatorju li jidhru fi ftehimiet kollettivi u li jirrikjedu, bħala kundizzjonijiet uniċi, li l-impjegat ikun laħaq l-limitu tal-età, stabbilit għal 65 sena mil-leġiżlazzjoni nazzjonali għall-ammissjoni għall-irtirar *u li jissodisfa l-kriterji l-oħra f'dak li jikkonċerna s-sigurtà soċjali sabiex ikollu dritt għall-pensjoni ta' rtirar kontributorja*.

[12] Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-28 ta' Frar 2018, John (C-46/17, EU:C:2018:131, punt 50).

[13] Ara s-sentenza tal-5 ta' Marzu 2009, Age Concern England (C-388/07, EU:C:2009:128, punt 62).

45. Għandu jitfakkar ukoll li l-Istati Membri għandhom marġni ta' diskrezzjoni wiesa' fl-għażla mhux biss tat-tfittxija ta' għan partikolari fost għanijiet oħra fil-qasam tal-politika soċjali u tal-impjieg, iżda wkoll fid-definizzjoni tal-miżuri li kapaċi jilħquh [14].

46. Il-qorti tar-rinviju tindika li jirriżulta mill-preambolu tal-Liġi Nru 4024/2011 li s-sistema tar-riżerva ta' ħaddiema hija intiża sabiex tiżgura l-implimentazzjoni tal-obbligi assunti mir-Repubblika Ellenika fil-konfront tal-krediturі tagħha u li, sabiex tagħmel dan, għandha tipproduċi riżultati organizzattivi, funzjonali u baġitarji immedjati intiżi sabiex jilħqu l-għan strateġiku ta' ssanar tal-finanzi pubbliċi. Skont dan il-preambolu, dan l-għan għandu jiġi mfittex billi jiġi żgurat li l-parti l-kbira tal-impjegati suġġetti għas-sistema tar-riżerva ta' ħaddiema ma jkunux imċaħħda minn impjieg, imma li huma jibbenefikaw minn ċertezza li sejrin igawdu mill-pensjoni tal-irtirar, li l-persunal tal-amministrazzjoni pubblika u tas-settur pubbliku fis-sens wiesa' ma jkunx espost għal taqlib kbir u l-organi tas-settur pubbliku ma jkunux, fil-parti l-kbira tagħhom, mgħobbija bil-ħlas ta' allowances ta' tkeċċija, li sejjer ikollu effetti partikularment dannużi fuq il-livell baġitarju.

47. Kif indikat il-qorti tar-rinviju, l-għan tas-sistema tar-riżerva ta' ħaddiema huwa għaldaqstant dak li jirrispondi għan-neċessità li jitnaqqsu l-ispejjeż tas-salarji konformement mal-ftehim konkluż bejn ir-Repubblika Ellenika u l-krediturі tagħha kif ukoll li jiġu ssanati l-finanzi tal-Istat u tas-settur pubbliku fis-sens wiesa' sabiex tiġi ffaċċjata l-kriżi ekonomika u finanzjarja akuta li laqtet lil dan l-Istat Membru.

48. Skont il-Gvern Grieg, is-sistema tar-riżerva ta' ħaddiema tirrispondi għan-neċessità li jitnaqqsu l-ispejjeż tas-salarji u jiġu rrazzjonalizzati l-karigi pubbliċi kif ukoll is-settur pubbliku fis-sens wiesa' filwaqt li l-impjegati li jaqgħu taħtha jiġu permessi li jipprovdu għall-bżonnijiet tal-ħajja tagħhom sakemm huma jirċievu l-pensjoni tal-irtirar tagħhom b'rata sħiħa. Meħuda inkunsiderazzjoni l-kriżi baġitarja eċċezzjonali li r-Repubblika Ellenika kellha tħabbat wiċċha magħha, dan l-Istat Membru jindika li din is-sistema tfittex għanijiet ta' interess pubbliku superjuri, bħall-issanar tal-ispiża pubblika kif ukoll ir-razzjonalizzazzjoni u t-tnaqqis tas-settur pubbliku, filwaqt li, fl-istess ħin, tingħata attenzjoni li ma tiġix imminata l-għadma iebsa tad-drittijiet individwali u soċjali tal-persuni mqiegħda fir-riżerva ta' ħaddiema.

49. Il-Gvern Grieg iżid li jirriżulta mill-preambolu tal-Liġi Nru 4024/2011 li l-għan imfittex mis-sistema tar-riżerva ta' ħaddiema ma huwiex biss ta' natura baġitarja, imma jikkonċerna wkoll ir-razzjonalizzazzjoni u t-tnaqqis tal-karigi pubbliċi u tas-settur pubbliku fis-sens wiesa' kif ukoll ir-ristrutturazzjoni tas-servizzi tiegħu, u li dan l-għan huwa marbut direttament mal-politika tal-impjiegi.

50. Il-Gvern Grieg jippreċiża wkoll li, sa fejn jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju li l-persunal impjegat bis-saħħa ta' relazzjoni ta' xogħol irregolata mid-dritt privat għal żmien indeterminat jista' jitkeċċa f'kull żmien mill-organu li jħaddmu, it-tqegħid ta' parti mill-persunal taħt is-sistema tar-riżerva ta' ħaddiema ppermetta, billi evita t-tkeċċija immedjata tal-impjegati kkonċernati, li jinżamm livell għoli ta' impjiegi.

[14] Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tad-19 ta' Lulju 2017, Abercrombie & Fitch Italia (C-143/16, EU:C:2017:566, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata), kif ukoll tas-27 ta' Frar 2020, Land Sachsen-Anhalt (Remunerazzjoni tal-uffiċjali u tal-imħallfin) (C-773/18 sa C-775/18, EU:C:2020:125, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata).

51. Barra minn hekk, l-għan li tiġi stabbilita struttura tal-età bbilanċjata bejn impjegati żgħar u impjegati iktar anzjani seta' jintlaħaq ukoll għaliex il-miżura inkwistjoni fil-kawża prinċipali tikkonċerna l-persunal li jissodisfa l-kundizzjoni ta' prossimità tad-data li fiha jinfetaħ d-dritt għall-pensjoni tal-irtirar.

52. Fid-dawl ta' dawn l-elementi u sabiex tiġi evalwata n-natura leġittima tal-għan imfittex mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ninnota li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-invokazzjoni simultanja ta' diversi għanijiet, li huma marbuta wieħed mal-ieħor, li jkunu kklassifikati fl-ordni ta' importanza tagħhom, ma tikkostitwixxix ostakolu għall-eżistenza ta' għan leġittimu, fis-sens tal-Artikolu 6(1)tad-Direttiva 2000/78 [15].

53. Barra minn hekk, jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita li d-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix li l-Istati Membri jqisu kunsiderazzjonijiet baġitarji b'mod parallel ma' kunsiderazzjonijiet politiċi, soċjali jew demografiċi, sakemm, filwaqt li jagħmlu hekk, jirrispettaw, b'mod partikolari, il-prinċipju ġenerali ta' projbizzjoni tad-diskriminazzjonijiet ibbażati fuq l-età. F'dan ir-rigward, għalkemm kunsiderazzjonijiet ta' natura baġitarja jistgħu jkunu l-bażi tal-għażliet tal-politika soċjali ta' Stat Membru u jistgħu jinfluwenzaw in-natura jew il-portata tal-miżuri li jkun jixtieq jadotta, tali kunsiderazzjonijiet ma jistgħux jikkostitwixxu, waħedhom, għan leġittimu fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2000/78 [16]. Barra minn hekk, il-fatt li l-kuntest nazzjonali huwa kkaratterizzat minn kriżi ekonomika gravi lanqas ma jawtorizza lil Stat Membru jneħħi l-effettività tad-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva [17].

54. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet reċentement, fir-rigward ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tagħmel parti, f'kuntest ekonomiku ġenerali, minn miżuri neċessarji sabiex jiġu mnaqqsa d-defiċits eċċessivi tal-amministrazzjoni pubblika Taljana u intiżi sabiex jevitaw kumulu ta' salarji u ta' pensjonijiet tal-irtirar li ġejjin minn fondi pubbliċi, li l-għan ta' tnaqqis effettiv tal-ispiża pubblika jista' jinfluwenza n-natura jew il-portata tal-miżuri ta' protezzjoni tal-impjieg, iżda ma jistax jikkostitwixxi, fih innifsu, għan leġittimu [18].

55. B'mod ġenerali, ninnota li, fil-kuntest partikolari għal din il-kawża, l-għan li jiġi żgurat l-issanar baġitarju tal-Istat billi titnaqqas l-ispiża pubblika tiegħu huwa inseparabbli mill-għanijiet ta' interess ġenerali mfittxija mill-Unjoni, jiġifieri dawk li tiġi żgurata d-dixxiplina baġitarja tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro u li tiġi ggarantita l-istabbiltà finanzjarja taż-żona euro [19].

56. Inżid li r-Repubblika Ellenika tgawdi minn marġni ta' diskrezzjoni relattivament ristrett għaliex hija obbligata li tillimita l-ispejjeż tas-salarji tas-settur pubbliku konformement mar-rekwiżiti tal-krediturі tagħha sabiex tiffaċċja l-kriżi ekonomika u finanzjarja akuta li hija għaddiet minnha u b'applikazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet u deċiżjonijiet adottati mill-Unjoni bil-għan li tiġi msaħħa u approfondita s-sorveljanza baġitarja kif ukoll li tavża lil dan l-Istat Membru sabiex jieħu miżuri għat-tnaqqis tal-iżbilanċ meħtieġ sabiex tiġi rrimedjata s-sitwazzjoni ta' żbilanċ eċċessiv [20].

[15] Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-2 ta' April 2020, Comune di Gesturi (C-670/18, EU:C:2020:272, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[16] Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-21 ta' Lulju 2011, Fuchs u Köhler (C-159/10 u C-160/10, EU:C:2011:508, punti 73 u 74); tat-8 ta' Mejju 2019, Leitner, (C-396/17, EU:C:2019:375, punt 43); kif ukoll tat-2 ta' April 2020, Comune di Gesturi (C-670/18, EU:C:2020:272, punt 34).

[17] Ara s-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, AGET Iraklis (C-201/15, EU:C:2016:972, punt 106).

[18] Ara s-sentenza tat-2 ta' April 2020, Comune di Gesturi (C-670/18, EU:C:2020:272, punt 35).

[19] Ara s-sentenza tat-3 ta' Mejju 2017, Sotiropoulou *et* vs Il-Kunsill (T-531/14, mhux ippubblikata, EU:T:2017:297, punt 89).

[20] Ara s-sentenza tat-3 ta' Mejju 2017, Sotiropoulou *et* vs Il-Kunsill (T-531/14, mhux ippubblikata, EU:T:2017:297, punt 73).

57. L-awtoritajiet Griegi kellhom għaldaqstant jadottaw miżuri sabiex iqiegħdu l-politika ekonomika u baġitarja tagħhom b'mod konformi mal-għanijiet ġenerali tal-unjoni ekonomika u monetarja, billi jneħħu kull riskju li jiġi pperikolat l-funzjonament tagħha [21]. F'din il-perspettiva, ir-Repubblika Ellenika kienet b'mod partikolari mitluba sabiex "tnaqqas l-ispejjeż fuq il-pagi tas-settur pubbliku" [22].

58. Fir-rigward tal-għan li l-Istat li jimpjega jnaqqas l-ispejjeż fuq il-pagi tas-settur pubbliku, infakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-għanijiet jistgħu jitqiesu bħala "leġittimi" fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2000/78 u, konsegwentement, xierqa sabiex jiġġustifikaw li jkun hemm deroga għall-prinċipju ta' projbizzjoni tad-diskriminazzjonijiet ibbażati fuq l-età, jekk ikunu għanijiet ta' politika soċjali, kif marbuta mal-politika tal-impjiegi, tas-suq tax-xogħol jew tal-formazzjoni professjonali [23]. Minħabba n-natura ta' interess ġenerali tagħhom, dawn l-għanijiet leġittimi huma distinti minn motivi purament individwali li huma partikolari għas-sitwazzjoni ta' min iħaddem, bħat-tnaqqis tal-ispejjeż jew it-titjib tal-kompetittività, mingħajr madankollu ma huwa possibbli li jiġi eskluż li regola nazzjonali tirrikonoxxi, sabiex jintlaħqu l-imsemmija għanijiet leġittimi, ċertu livell ta' flessibbiltà lil min iħaddem [24].

59. Kuntrarjament għal dak li jsostni AB, it-tnaqqis tal-ispejjeż tal-pagi ta' persuna ġuridika irregolata mid-dritt privat li tifforma parti mis-settur pubbliku, fil-kuntest tal-kriżi ekonomika u finanzjarja akuta li biha kienet iffaċċjata r-Repubblika Ellenika, ma jistax jitqies li jikkostitwixxi motiv purament individwali, jiġifieri għall-benefiċċju esklużiv ta' min iħaddem, mhux biss għaliex l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' ssanar baġitarju kienet, kif indikajt preċedentement, indispensabbli għall-istabbiltà taż-żona euro, imma wkoll għaliex huwa kien imur lil hinn mill-vijabbiltà nnifisha tas-settur pubbliku u tal-kontinwità tal-missjoni ta' interess ġenerali żgurati mill-organi appartenenti lil dan tal-aħħar.

60. Konsegwentement, l-għan ta' tnaqqis tal-ispiża pubblika kif imfittex mill-Istat li jimpjega, li jista' jissarraf fi tnaqqis tal-ispejjeż tal-pagi fis-settur pubbliku, jikkostitwixxi għan ta' interess ġenerali billi huwa jippermetti li jiġu rrikonċiljati ż-żamma ta' servizz pubbliku ta' kwalità u r-rispett tar-restrizzjonijiet baġitarji imposti fuq l-Istat. Madankollu, dan l-għan ta' interess ġenerali waħdu ma huwiex suffiċjenti sabiex jiġġustifika differenza fit-trattament ibbażata fuq l-età taħt l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2000/78 jekk ma jkunx akkumpanjat minn preokkupazzjonijiet li jaqgħu taħt il-politika tal-impjiegi, tas-suq tax-xogħol u tal-formazzjoni professjonali [25].

[21] Ara, b'mod partikolari, ir-rakkommandazzjoni tal-Kunsill lill-Greċja tas-16 ta' Frar 2010 bil-ħsieb li tiġi mitmuma l-inkonsistenza mal-linji gwida wiesgħin tal-politika ekonomika fil-Greċja u li jitneħħa r-riskju li jiġi pperikolat il-funzjonament korrett tal-unjoni ekonomika u monetarja (ĠU 2010, L 83, p. 65).

[22] Ara r-rakkommandazzjoni ċċitata fin-nota ta' qiegħ-il paġna preċedenti (punt 1(a)). Ara wkoll, fl-istess sens, id-deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2010 li tavża lill-Greċja biex tieħu miżuri għat-tnaqqis tal-iżbilanċ li huwa meqjus neċessarju biex jagħmel tajjeb għas-sitwazzjoni ta' żbilanċ eċċessiv (ĠU 2010, L 83, p. 13).

[23] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Marzu 2009, Age Concern England (C-388/07, EU:C:2009:128, punt 49).

[24] Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-21 ta' Lulju 2011, Fuchs u Köhler (C-159/10 u C-160/10, EU:C:2011:508, punt 52 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

[25] Ara, f'dan ir-rigward, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mengozzi fil-kawża Vital Pérez (C-416/13, EU:C:2014:2109), fis-sens li "huwa ċar li fejn il-persuna li timpjega tkun amministrazzjoni pubblika, l-għan tat-tnaqqis tal-ispejjeż jikkorrispondi, bħala regola, ma' għan ta' interess ġenerali, bl-istess mod bħal dawk ikkontemplati mill-Artikolu 6(1) tad-Direttiva. Madankollu, din l-unika kunsiderazzjoni ma hijiex biżżejjed, fil-fehma tiegħi, biex jiġi deċiż li għan bħal dan jidħol fost l-għanijiet leġittimi ammessi minn din id-dispożizzjoni. Skont din il-loġika, kull differenza fit-trattament ibbażata fuq l-età li tippermetti tnaqqis tal-ispiża pubblika tkun, għal dan il-motiv biss, ġustifikabbli abbażi tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva" (punt 48).

61. Isegwi li l-għan ta' tnaqqis tal-ispiża pubblika li jissarraf fit-tfittxija ta' tnaqqis tal-ispejjeż tal-pagi mill-Istat li jimpjega għandu jikkoinċidi, fil-kuntest ta' kunsiderazzjonijiet dwar il-politika tal-impjiegi u tas-suq tax-xogħol tal-Istat Membru kkonċernat, flimkien ma' għanijiet oħra, bħal dak li jinkoraġġixxi l-impjiegi u struttura tal-età bbilanċjata bejn impjegati żgħar u impjegati iktar anzjani [26].

62. Nenfasizza, f'dan ir-rigward, li s-sistema tar-riżerva ta' ħaddiema tifforma parti minn numru ta' miżuri intiżi sabiex jorganizzaw mill-ġdid is-settur pubbliku f'perspettiva ta' ssanar tal-finanzi pubbliċi u ta' tnaqqis tal-ispejjeż. Huwa f'dan il-qafas baġitarju ristrett li r-Repubblika Ellenika implimentat politika tal-impjiegi fi ħdan is-settur pubbliku intiża sabiex tirrikonċilja, minn naħa, il-ħtieġa ta' tnaqqis tal-ispejjeż tal-pagi tas-settur pubbliku u, min-naħa l-oħra, dik li jinżamm livell għoli ta' impjiegi kif ukoll struttura tal-età bbilanċjata fi ħdan is-settur pubbliku. Issa, il-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjiegi tikkostitwixxi wieħed mill-għanijiet imfittxa mill-Unjoni [27]. Konsegwentement, il-miżuri li jippermettu li tiżdied ir-rata tal-impjiegi [28] jew, tal-inqas, li din ma tiddeterjorax ifittxu "għan leġittimu", fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2000/78. Dan jgħodd ukoll għal miżuri li huma intiżi sabiex jistabbilixxu struttura tal-età bbilanċjata bejn impjegati żgħar u impjegati iktar anzjani [29].

63. Għaldaqstant, analizzata mill-angolu tal-politika tal-impjiegi fis-settur pubbliku, is-sistema tar-riżerva ta' ħaddiema jidhirli li tfittex "għan leġittimu", fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2000/78.

64. Ninnota, barra minn hekk, li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li t-tmiem awtomatiku tal-kuntratti ta' xogħol tal-impjegati li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-età u ta' kontribuzzjoni sabiex jibbenefikaw mill-kalkolu tad-drittijiet għall-pensjoni tagħhom, jagħmel parti, sa minn żmien twil, mid-dritt tax-xogħol ta' diversi Stati Membri u għandu użu estensiv fir-relazzjonijiet ta' impjieg. Dan il-mekkaniżmu huwa bbażat fuq bilanċ bejn il-kunsiderazzjonijiet ta' natura politika, ekonomika, soċjali, demografika u/jew tal-baġit u jiddependi mill-għażla li ttawwal it-tul tal-ħajja attiva tal-ħaddiema jew, bil-kontra, li tipprevedi l-irtirar kmieni ta' dawn tal-aħħar [30].

65. L-istess kif il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fir-rigward ta' klawżoli ta' tmiem awtomatiku tal-kuntratti ta' xogħol tal-impjegati li jkunu laħqu l-età għall-kalkolu tal-pensjoni [31], nikkunsidra li għanijiet tan-natura ta' dawk invokati mir-Repubblika Ellenika għandhom, bħala prinċipju, jitqiesu li jiġġustifikaw "objettivament u raġonevolment", "fil-kuntest tal-liġi nazzjonali", kif jipprevedi l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2000/78, differenza fit-trattament ibbażata fuq l-età, bħal dik fil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

66. Fil-fatt, is-sistema tar-riżerva ta' ħaddiema hija r-riżultat ta' għażla li twettqet mir-Repubblika Ellenika, li tikkonsisti fl-implimentazzjoni ta' proċess tat-tmiem tal-kuntratt ta' xogħol tal-impjegati li jkunu waslu sabiex jirċievu dħul alternattiv fi tmiem il-karriera professjonali tagħhom. Fil-kuntest ta' kriżi ekonomika u finanzjarja akuta li laqtet lir-Repubblika Ellenika, dan l-Istat Membru ried jevita li jġiegħel lil min iħaddem li jkeċċi lil ħaddiema li jappartjenu lil

[26] Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-21 ta' Lulju 2011, Fuchs u Köhler (C-159/10 u C-160/10, EU:C:2011:508, punti 50 u 53).

[27] Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-16 ta' Ottubru 2007, Palacios de la Villa (C-411/05, EU:C:2007:604, punt 64).

[28] Ara s-sentenza tad-19 ta' Lulju 2017, Abercrombie & Fitch Italia (C-143/16, EU:C:2017:566, punti 32 u 33).

[29] Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-2 ta' April 2020, Comune di Gesturi (C-670/18, EU:C:2020:272, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[30] Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-28 ta' Frar 2018, John (C-46/17, EU:C:2018:131, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[31] Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-16 ta' Ottubru 2007, Palacios de la Villa (C-411/05, EU:C:2007:604, punt 66).

kategoriji oħra, u b'hekk jippreżerva ż-żamma tal-impjiegi, b'mod partikolari dawk l-iktar żgħar fl-età. Għalhekk filwaqt li tidħol f'politika ta' tnaqqis tal-ispiża pubblika, is-sistema tar-riżerva ta' ħaddiema tirrispondi wkoll għal preokkupazzjonijiet li jaqgħu taħt il-politika tal-impjiegi.

67. Hawnhekk, għandu jiġi eżaminat jekk, fil-kuntest tal-marġni ta' diskrezzjoni wiesa' mogħti lill-Istati Membri u mfakkar fil-punt 43 ta' dawn il-konklużjonijiet, il-mezzi implimentati sabiex jitwettaq l-għan tal-politika tal-impjiegi mfittex mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali huma xierqa u neċessarji.

68. L-ewwel nett, is-sistema tar-riżerva ta' ħaddiema jidhirli li tikkostitwixxi mezz xieraq sabiex jintlaħaq dan l-għan.

69. Fil-fatt, kont meħud tal-fatt li l-kuntratti ta' xogħol tal-impjegati kkonċernati setgħu jiġu tterminati f'kull żmien minn min iħaddimhom, jidher li l-adozzjoni tal-miżura dwar ir-riżerva ta' ħaddiema ppermettiet li jiġi evitat li dawn l-impjegati jkunu qegħda. Inżid li l-għażla li saret mil-leġiżlatur Grieg li jissuġġetta kategorija ta' persunal qrib il-pensjoni fis-sistema tar-riżerva ta' ħaddiema ċertament ippermettiet li jiġi evitat li kategoriji oħra ta' persunal jkunu qegħda.

70. B'mod parallel, billi kkonċentrat fuq il-parti mill-persunal li ssodisfat il-kundizzjoni ta' prossimità mid-data ta' ftuħ tad-dritt għall-pensjoni tal-irtirar, is-sistema tar-riżerva ta' ħaddiema tikkostitwixxi mezz adegwat sabiex jintlaħaq l-għan li tiġi stabbilita struttura tal-età bbilanċjata bejn impjegati ta' età żgħira u impjegati iktar anzjani, billi tiffavorixxi ż-żamma tal-impjiegi tal-persuni ta' età żgħira, speċjalment f'kuntest fejn impjiegi ġodda ġew iffriżati. Jidhirli li, fid-dawl tal-imperattiv li jitnaqqsu l-ispejjeż tal-pagi, politika li tikkonsisti fiż-żamma tal-impjiegi tal-impjegati ta' età żgħira filwaqt li tissuġġetta l-pagi tal-impjegati iktar anzjani għas-sistema tar-riżerva ta' ħaddiema ma hijiex fundamentalment differenti minn politika ta' rtirar obbligatorju għal ċerta età sabiex tiffavorixxi r-reklutaġġ ta' impjegati ta' età żgħira.

71. Ninnota wkoll li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ammettiet in-natura xierqa sabiex jintlaħaq għan tal-politika tal-impjiegi ta' miżura li tikkonsisti mir-restrizzjoni tal-allowance speċjali għal tkeċċija, biss, lill-ħaddiema li fid-data tat-tkeċċija tagħhom, jibbenefikaw minn pensjoni tal-irtirar tal-iskema ġenerali [32].

72. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, il-miżura inkwistjoni fil-kawża prinċipali tista', fil-fehma tiegħi, tidher bħala strument xieraq sabiex tittejjeb kemm jista' jkun il-ġestjoni tal-persunal f'kuntest fejn l-organi tas-settur pubbliku kellhom jiffaċċjaw kriżi ekonomika u finanzjarja kbira filwaqt li jżommu servizz pubbliku ta' kwalità [33] u b'hekk tippreżerva sa fejn possibbli l-livell tal-impjiegi fis-settur pubbliku.

73. It-tieni nett, is-sistema tar-riżerva ta' ħaddiema ma tidhirx li tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan leġittimu tal-politika tal-impjiegi mfittex mir-Repubblika Ellenika.

74. F'dan il-kuntest, għandu jiġi eżaminat jekk il-miżura inkwistjoni tippermettix li jintlaħaq dan l-għan mingħajr ma tippreġudika bla bżonn l-interessi leġittimi tal-impjegati kkonċernati [34].

[32] Ara s-sentenza tas-26 ta' Frar 2015, Ingeniørforeningen i Danmark (C-515/13, EU:C:2015:115, punt 27).

[33] Ara s-sentenza tal-21 ta' Lulju 2011, Fuchs u Köhler (C-159/10 u C-160/10, EU:C:2011:508, punt 50). Minn din il-perspettiva, is-sistema tar-riżerva ta' ħaddiema tikkostitwixxi għodda tal-ġestjoni tal-persuna impjegat fis-settur pubbliku bil-għan li tiġi żgurata, f'kuntest baġitarju ristrett, il-vijabbiltà ta' dan is-settur u l-kontinwità tal-missjoni ta' interess ġenerali mwettqa mill-organi li jikkostitwixxuh.

[34] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Ottubru 2010, Ingeniørforeningen i Danmark (C-499/08, EU:C:2010:600, punt 32).

75. Huma l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li għandhom isibu bilanċ ġust bejn l-interessi differenti inkwistjoni [35]. Għalhekk, sabiex jiġi eżaminat jekk il-miżura inkwistjoni fil-kawża prinċipali tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan mixtieq u jekk tippreġudikax eċċessivament l-interessi tal-impjegati kkonċernati, din il-miżura għandha titqiegħed fil-kuntest leġiżlattiv li tinsab fih u jittieħed inkunsiderazzjoni kemm id-dannu li hija tista' tikkawża lill-persuni kkonċernati kif ukoll il-benefiċċji li jiksbu minnha s-soċjetà inġenerali u l-individwi li jagħmlu parti minnha [36].

76. Barra minn hekk, il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni skont l-età għandha tinqara fid-dawl tad-dritt għax-xogħol irrikonoxxut fl-Artikolu 15(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Minn dan jirriżulta li għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-parteċipazzjoni tal-ħaddiema anzjani fil-ħajja professjonali u, b'hekk, fil-ħajja ekonomika, kulturali u soċjali. Iż-żamma ta' dawn il-persuni fil-ħajja attiva tiffavorixxi b'mod partikolari d-diversità fl-impjieg. Madankollu, l-interess li dawn il-persuni jinżammu attivi għandu jittieħed inkunsiderazzjoni fid-dawl ta' interessi oħra li jistgħu jkunu eventwalment interessi diverġenti [37].

77. Għaldaqstant, għandu jiġi stabbilit jekk il-leġiżlatur Grieg, fl-eżerċizzju tal-marġni ta' diskrezzjoni li huwa jgawdi fil-qasam tal-politika tal-impjiegi, wassalx sabiex jintlaħaq bilanċ, fid-dawk tar-rieda tiegħu li jirrazzjonalizza s-settur pubbliku, bejn l-interessi differenti involuti.

78. Fir-rigward tal-benefiċċji li jirriżultaw mis-sistema tar-riżerva ta' ħaddiema, dawn tal-aħħar jistgħu jikkonsistu f'dak li l-organi tas-settur pubbliku jkunu jistgħu jibqgħu jwettqu l-kompiti tagħhom u jtejbu l-effettività tagħhom f'kuntest ta' rigorożità baġitarja u ta' tnaqqis tal-ispejjeż tal-pagi [38].

79. Barra minn hekk, kif indikajt preċedentement, din is-sistema tikkostitwixxi għodda ta' ġestjoni tal-persunal imqiegħda għad-dispożizzjoni tal-organi tas-settur pubbliku sabiex dawn tal-aħħar ma jkollhomx rikors, fil-kuntest ta' rigorożità baġitarja u ta' tnaqqis tal-ispejjeż tal-pagi, għal tkeċċijiet ekonomiċi. Fl-eżami tan-natura neċessarja tal-miżura inkwistjoni fil-kawża prinċipali fid-dawl tal-għanijiet mixtieqa, huwa ċar li l-kuntest ta' kriżi ekonomika u finanzjarja akuta li fih twettqet din il-miżura għandu jittieħed inkunsiderazzjoni [39]. Minbarra dan, il-ħtieġa ta' miżura tiddependi fuq jekk, f'tali kuntest, din il-miżura hijiex preferibbli mill-alternattivi [40]. Fid-dawl ta' dan il-kuntest partikolari, nikkunsidra li, fir-rigward tal-għan ta' żamma tal-impjiegi, miżura bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali tikkostitwixxi alternattiva preferibbli meta mqabbla mar-rikors għal miżuri sabiex mhux biss l-impjegati qrib il-pensjoni jkunu qegħda, imma wkoll ta' kategoriji oħra tal-persunal.

80. F'dak li jikkonċerna d-dannu kkawżat lill-impjegati, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li t-tqegħid taħt is-sistema tar-riżerva ta' ħaddiema ta' parti mill-persunal jinvolvi konsegwenzi żvantaġġużi għal dawn tal-aħħar f'termini ta' remunerazzjoni u ta' allowance ta' tkeċċija. Hekk, bis-saħħa tal-Artikolu 34(1)(c) tal-Liġi Nru 4024/2011, ir-remunerazzjoni tal-persunal imqiegħed taħt din is-sistema hija mnaqqsa għal 60 % tas-salarju bażiku li huma kienu jirċievu, flimkien

[35] Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-16 ta' Ottubru 2007, Palacios de la Villa (C-411/05, EU:C:2007:604, punt 71), u tat-2 ta' April 2020, Comune di Gesturi (C-670/18, EU:C:2020:272, punt 43).

[36] Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-5 ta' Lulju 2017, Fries (C-190/16, EU:C:2017:513, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[37] Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-2 ta' April 2020, Comune di Gesturi (C-670/18, EU:C:2020:272, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[38] Ara, b'analoġija, f'dak li jikkonċerna l-amministrazzjoni pubblika Ewropea, is-sentenza tal-14 ta' Diċembru 2018, FV vs Il-Kunsill (T-750/16, EU:T:2018:972, punt 120).

[39] Ara, b'mod partikolari, għal teħid inkunsiderazzjoni tal-kuntest ta' kriżi ekonomika persistenti u ta' tkabbir ekonomiku dgħajjef, is-sentenza tad-19 ta' Lulju 2017, Abercrombie & Fitch Italia (C-143/16, EU:C:2017:566, punt 42).

[40] *Ibid.*

mat-telf ta' kwalunkwe avvanz fis-salarju jew grad matul il-perijodu ta' tqegħid fir-riżerva ta' ħaddiema, bil-preċiżazzjoni li dan il-persunal ma jibqax obbligat li jaħdem mal-organu kkonċernat.

81. Barra minn hekk, it-tqegħid taħt is-sistema tar-riżerva ta' ħaddiema jwassal għat-telf, bis-saħħa tal-Artikolu 34(1)(e) tal-Liġi Nru 4024/2011, tal-allowance kollha jew parti minnha msemmija fit-tieni sentenza tal-Artikolu 8 tal-Liġi Nru 3198/1955, prevista f'każ ta' tkeċċija jew ta' rtirar tal-impjegat minħabba li jkun issodisfa l-kundizzjonijiet sabiex jibbenefika mill-pensjoni b'rata sħiħa.

82. Madankollu, għandu jiġi nnotat li s-sistema tar-riżerva ta' ħaddiema tinkludi miżuri xierqa sabiex ittaffi l-effetti żvantaġġużi tagħha fuq l-impjegati kkonċernati filwaqt li tippermettilhom li jipprovdu għall-bżonnijiet essenzjali tagħhom sakemm huma jirċievu l-pensjoni tagħhom. Hekk, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tipprevedi miżuri ta' protezzjoni għall-persunal li huwa suġġett għal din is-sistema. Hija tiċċita, f'dan ir-rigward, il-possibbiltà li jsibu xogħol ieħor jew li jeżerċitaw attività indipendenti mingħajr ma jitilfu d-dritt li jirċievu l-parti tas-salarju bażiku msemmi hawn fuq, l-obbligu tal-organu, jew, fin-nuqqas, tal-aġenzija nazzjonali tax-xogħol li tħallas lill-istitut ta' assigurazzjoni kompetenti sad-data ta' rtirar mix-xogħol bil-pensjoni l-kontribuzzjonijiet soċjali dovuti minn min iħaddem u mill-impjegat abbażi tar-remunerazzjoni preċedenti ta' dan tal-aħħar, l-eżenzjoni mis-sistema tar-riżerva ta' ħaddiema għall-gruppi soċjali vulnerabbli li għandhom bżonn protezzjoni, il-possibbiltà ta' trasferiment tal-persunal inkwistjoni lejn pożizzjonijiet vakanti oħra fi ħdan l-organi tas-settur pubbliku, kif ukoll it-teħid ta' miżuri li jikkonċernaw ir-rimbors ta' self fuq immobbli meħud mill-persunal inkwistjoni.

83. Sabiex isostni t-teżi tiegħu li l-miżura inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma timponix piż eċċessiv fuq il-persunal imqiegħed taħt is-sistema tar-riżerva ta' ħaddiema, il-Gvern Grieg jinvoka, minbarra l-miżuri ta' protezzjoni ċċitati mill-qorti tar-rinviju, il-fatt li, fil-parti l-kbira tal-każijiet, minħabba l-anzjanità tiegħu fi ħdan l-organu pubbliku, l-impjegat ikkonċernat ikun eżawrixxa l-possibbiltajiet ta' avvanz fis-salarju u fil-grad u li, konsegwentement, l-avvanz tiegħu fis-salarju u fil-grad ma huwiex affettwat.

84. Inqis li l-miżuri ta' protezzjoni li jsemmu l-qorti tar-rinviju u l-Gvern Grieg jippermettu li jittaffew l-effetti żvantaġġużi tas-sistema tar-riżerva ta' ħaddiema għall-impjegati.

85. Wara li ħadt inkunsiderazzjoni l-miżuri ta' protezzjoni, in-natura temporanja ta' din is-sistema u l-fatt li din tolqot impjegati li waslu sabiex itemmu l-ħajja professjonali tagħhom u li huma aċċertati li fi żmien qasir sejrin jirċievu pensjoni b'rata sħiħa, jiġifieri dħul alternattiv stabbli u perenni [41], fi tmiem il-perijodu ta' tqegħid tagħhom taħt din is-sistema, nikkunsidra li l-miżura inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tikkawżax dannu eċċessiv għall-aspettattivi leġittimi tal-impjegati kkonċernati [42] u għalhekk, f'kuntest immarkat minn kriżi ekonomika u finanzjarja akuta, hija ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan tal-politika tal-impjiegi mfittex mil-leġiżlatur nazzjonali.

86. Isegwi li l-Artikolu 2(1) u (2)(a) kif ukoll l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2000/78 għandhom, fil-fehma tiegħi, jiġu interpretati fis-sens li huma ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li bis-saħħa tagħha l-impjegati tas-settur pubbliku li

[41] Ara s-sentenza tas-26 ta' Settembru 2013, Dansk Jurist- og Økonomforbund (C-546/11, EU:C:2013:603, punti 55 u 62).

[42] Ara, b'analoġija, fir-rigward ta' klawżoli ta' temm awtomatiku tal-kuntratti ta' xogħol minħabba l-fatt li l-impjegat ikun laħaq l-età ta' rtirar mix-xogħol għall-pensjoni, is-sentenza tat-12 ta' Ottubru 2010, Rosenbladt (C-45/09, EU:C:2010:601, punti 47 u 48).

jissodisfaw matul perijodu stabbilit il-kundizzjonijiet sabiex jirċievu pensjoni b'rata sħiħa għandhom jitqiegħdu sat-tmiem tal-kuntratt tagħhom taħt sistema tar-riżerva ta' ħaddiema, sa fejn, minn naħa, din il-leġiżlazzjoni tfittex għan leġittimu tal-politika tal-impjiegi u, min-naħa l-oħra, il-mezzi implimentati sabiex jintlaħaq dan l-għan huma xierqa u neċessarji.

V. Konklużjoni

87. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tirrispondi għad-domandi preliminari magħmula mill-Areios Pagos (il-Qorti tal-Kassazzjoni, il-Greċja) bil-mod segwenti:

L-Artikolu 2(1) u (2)(a) kif ukoll l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol, għandhom jiġu interpretati fis-sens li huma ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li bis-saħħa tagħha l-impjegati tas-settur pubbliku li jissodisfaw matul perijodu stabbilit il-kundizzjonijiet sabiex jirċievu pensjoni b'rata sħiħa għandhom jitqiegħdu sat-tmiem tal-kuntratt tagħhom taħt sistema tar-riżerva ta' ħaddiema, sa fejn, minn naħa, din il-leġiżlazzjoni tfittex għan leġittimu tal-politika tal-impjiegi u, min-naħa l-oħra, il-mezzi implimentati sabiex jintlaħaq dan l-għan huma xierqa u neċessarji.